MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 237/2004

**Av Dottor David Tonna bhala prokuratur specjali ghan- nom u in rappresentanza tas- socjeta' estera Philip Morris Products S.A.**

**vs**

**Avukat Dr Vincent Galea u il- Prokuratur Legali Victor Bugeja li b'digriet tas-7 ta' Mejju 2004 gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta' estera Dubai Intranzit Auto–Trans Jebel Ali, Dubai**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ppremetta:

Illi l-kumpannija attrici Philip Morris Products S.A. ta' Quai Jeanrenaud 3, CH 2000 Neuchatel, tal-iSvizzera hija proprjetarja tal-marka tas-sigaretti "MARLBORO" kif ukoll proprjetarja tas-sinjal distintiv li jinsab fuq l- istess pakketti tas-sigaretti skond kif jidher fuq id-Dokument "A", id-Dokument "B" u d-Dokument "C";

Illi s-socjeta' attrici hija detentrici tad-ditta ta' proprjeta' industrijali tal-istess kelma "MARLBORO" u s-sinjal distintiv fil-komplessita taghhom registrati f'Malta taht *Trademark No* 5789, *Trademark No* 5790 u *Trademark No* 16670, fir-Registru tal-Markji, skond l-estratti originali mahruga mill-istess Registru tal-Markji (kif muri f'Dok "A", f'Dok "B" u f'Dok "C"), ai termini tal-Artikolu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), KAP 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi jirrizulta mill-Polza ta' Kargu Numru INTKOP 046671 li l-konsenjatarji tal- konsenja in kwistjoni huma Dubai Intranzit Auto-Trans Jebel Ali, Dubai, mentri d-dettalji tax-Shipper huma M – Karib D.O.O, Pristaniska 8, 2000, Maribor (Slovenia);

Illi jirrizulta li l-konsenja in kwistjoni ddahhlet gewwa Malta fil-11 ta' Marzu 2004 fuq il-vapur M/V "Janina" u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, fejn l-imsemmija konsenja ta' sigaretti tikkonsisti f'sitt mija u ghaxar (610) kaxxa maghrufa bhala *master cases* b'*Container* Nru **INBU 527856/5** bi ksur tal-projbizzjoni tal-Artikolu 4 tal-KAP 414;

Illi dawn is-sigaretti in kwistjoni jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici, skond l-Artikolu 2(1)(a)(i) u (iii) tal- KAP 414, li favur taghhom huma rregistrati l-markji u distintivi "Marlboro", billi instab illi dawn l-istess sigaretti huma prodotti ffalsifikati skond l-analizi li ghamlet is-socjeta' attrici (ara rapport ta' analizi mmarkati bhala Dokument "D");

Illi d- dhul gewwa Malta, importazzjoni temporaneju u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' oggetti li jikkontravvjenu dritt dwar il-proprjeta' intellettwali huwa

projibit skond l-Artikolu 4 ta' l-istess KAP 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi din il-konsenja ta' sigaretti bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana fin- 'New Port Bonded Stores' Marsa wara l-applikazzjoni bil- miktub li ghamlet is-socjeta' attrici lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni mmarkata bhala Dok "F";

Ghalhekk l-attur nomine talab li s-socjeta' konvenuta tghid ghalfejn dina l-Qorti, m'ghandiex:-

1. tiddikjara u tiddeciedi illi s-sigaretti in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l- applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' attrici lill-istess Kontrollur, huma ffalsifikati;

2. tiddikjara illi tali sigaretti ffalsifikati jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' fil-konfront tat-*Trandemarks* registrati bin-Numri 5789, 5790 u 16670 tal-Markji "MARLBORO" u/jew s- injali distintivi li jifformaw parti mill-istess *Trademarks*;

3. tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta, l-importazzjoni temporaneju u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja sigaretti ffalsifikati li tikkonsisti f'sitt mija u ghaxar (610) *master cases*, tikkostitwixxi vjolazzjoni ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intelletwali (Mizuri Intrakonfini) Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi s-sigaretti in kwistjoini minghajr ebda kumpens lill, u ghas-spejjez ta', s-socjeta' konvenuta skond l-artikolu 8 tal-KAP 414;

5. tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri

Intrakonfini), KAP 414 tal-Ligijiet ta’ Malta fil- konfront tas-socjeta’ attrici;

6. tordna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat- trasport u tal-hazna tas-sigaretti in kwistjoni kif ukoll l-ispejjez tal-garanzija bankarja mahruga mis-socjeta’ attrici favur il-Kontrollur tad-Dwana skond it-termini tal- KAP 414;

Bl-ispejjes, inkluzi dawk l-ispejjes kollha tad-Dwana fir-rigward tal-hazna u distruzzjoni tas-sigaretti in kwistjoni, kontra s- socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta-attur nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu:

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi deputati fejn gie eccepit illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriservaw minn issa d-dritt taghhom li jressqu dawk l-eccezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti kuraturi deputati debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Semghet lill-attur nomine u lix-xhud minnu prodott;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

F’dawn il-proceduri l-attur nomine qed jirrappresenta lis-socjeta attrici estera Philip Morris Products S.A. tal-Isvizzera li tirrizulta li hi proprjetarja tal-marka tas-sigaretti “MARLBORO” u tas-sinjal distintiv li jinsab fuq il-pakkett tal-istess siogaretti u dawn kif registrati f’Malta mal-awtoritajiet kompetenti taht *Trademark No* 5789, *Trademark No* 5790 u *Trademark No* 16670 u dana kolu skond il-provedimenti tal-artikoli rilevanti tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fic-citazzjoni l-attur nomine jippremetti li kif jirrizulta mill-polza ta’ kargu numru INTKOP 046671 fil-11 ta’ Marzu 2004 iddahlet fil-Port Hieles ta’ Malta konsenja ta’ sigaretti li l-konsenjatarji taghha gew dikjarati li huma s-socjeta estera konvenuta. Din il-konsenja ta’ sigaretti kienet tikkonsisti f’sitt mija u ghaxar (610) kaxxa u kienet f’container numru INBU 527856/5. L-attur nomine jkompli jippremetti li dawn is-sigaretti jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ attrici u dana billi rrizulta li l-istess sigaretti huma ffalsifikati. Din il-konsenja issa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana;

Fuq l-imsemmija premessi l-attur nomine qed jitlob li jigi dikjarat li s-sigaretti in kwistjoni huma ffalsifikat, li l-istess sigaretti jikkontravjenu d-drittijiet tas-socjeta’ estera attrici u li l-importazzjoni temporanea tal-konsenja sigaretti in kwestjoni tikkostitwixxi vjolazzjoni tad-drittijiet tas-socjeta attrici kif sanciti fl-Att rilevanti dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intelletwali (Mizuri Intrakonfini). Qed jitlob ukoll li jigi ordnat lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi s-sigaretti in kwistjoini minghajr kumpens lill-kinvenuti, li jigi ordnat kull rimedju iehor skond l-istess Att u li jigi ordnat lis-socjeta’ konvenuta thallas l-ispejjez kollha relattivi;

Il-konvenuti eccipew li huma mhux edotti mill-fatti tal-kaz u rriservaw li jressqu dawk l-eccezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri jekk ikun il-kaz. Jigi rilevat, ghal kull buon fini, li l-knvenuti ma ppresentawx eccezzjonijiet ulterjuri u ma resqux provi;

Mill-kumpless ta' provi prodotti l-pretensjonijiet tal-attur nomine jirrizultaw sufficjentement pruvati. In effett jirrizulta li fil-11 ta' Marzu 2004 iddahlet fil-Port Hieles ta' Malta l-konsenja ta' sigaretti in kwestjoni li kienet destinata ghas-socjeta estera konvenuta. Jirrizulta sufficjentement pruvat li dawn is-sigaretti kienu falsifikati u ghalhekk gew lesi d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici. Jirrizulta ukoll li s-sigaretti issa jinsabu mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana. In vista ta' dan kollu t-talbiet attrici jimmeitaw li jigu akkolti. Ghandu, pero', jinghad ghar-rigward tal-hames (5) talba li ma jirrizultax li ghandhom jinghataw xi rimedji ohra ai termini tal-Att rilevanti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet kollha attrici, bl-eccezzjoni tal-hames (5) talba u ghahekk tiddikjara u tiddeciedi illi s-sigaretti in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' attrici lill-istess Kontrollur, huma ffalsifikati; tiddikjara illi tali sigaretti ffalsifikati jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' fil-konfront tat-*Trandemarks* registrati bin-Numri 5789, 5790 u 16670 tal-Markji "MARLBORO" u/jew sinjali distintivi li jifformaw parti mill-istess *Trademarks*; tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta, l-importazzjoni temporaneju u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja sigaretti ffalsifikati li tikkonsisti f'sitt mija u ghaxar (610) *master cases*, tikkostitwixxi vjolazzjoni ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intelletwali (Mizuri Intrakonfini) Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta; tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi s-sigaretti in kwistjoini minghajr ebda kumpens lill, u ghas-spejjez tas-socjeta' konvenuta skond l-artikolu 8 tal- KAP 414 u tordna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat- trasport u tal-hazna tas-sigaretti in kwistjoni kif ukoll l-ispejjez tal-garanzija bankarja mahruga mis-socjeta' attrici favur il-Kontrollur tad-Dwana skond it- termini tal- KAP 414;

Spejjes kollha kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------